MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1627/2000/1

**Alfrida *sive* Frida Calleja u żewġha Gaetano Calleja għal kull interess li jista' jkollu fil-Liġi**

**-vs-**

**1. Annie Sultana separata legalment minn ma' żewġha Francis Sultana.**

**2. Carmelo *sive* Lino Formosa u martu Lorenza Formosa għal kull interess li jista' jkollha fil-Ligi.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-3 ta' Awissu 2000 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi fit-tletin ta' April tas-sena elfejn (30/4/2000) mietet Rita Formosa armla minn Joseph;

U illi b'testment *unica carta* tal-ħdax ta' April tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (11/4/1985) in atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon il-konjugi Rita u Joseph Formosa istitwew lil uliedom, u ċioe` l-kontendenti odjerni eredi universali proprjetarji u padruni assoluti ta' ġidhom;

U illi mir-riċerki testamentarji jidher li t-testment *unica carta* su riferit ma ġie qatt mibdul mill-mejta Rita armla minn Joseph Formosa wara l-mewt tal-istess żewġha Joseph Formosa;

U illi għalhekk bil-mewt ta' Rita Formosa l-konvenuti flimkien ma' l-attriċi ġew li saru l-eredi universali tal-istess Rita Formosa armla minn Joseph:

U illi l-attriċi mart l-attur l-ieħor irrendiet lill-mejta Rita Formosa serviġi, assistenzi u prestazzjonijiet ta' kull xorta u dan bl-isperanza ta' kumpens u / jew ħlas;

U għalhekk jeħtieġ li tiġi likwidata somma li tirraprenżenta l-ħlas tas-serviġi, assistenzi u prestazzjonijiet reżi mill-attriċi lill-imsemmija ommha Rita Formosa;

U illi l-konvenuti jew min minnhom huma tenuti fil-Liġi li jagħmlu l-ħlas tas-somma hekk likwidata;

Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti jew min minnhom, il-għaliex ma għandhiex dina l-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija u prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna li:

1. Tiddikjara li l-attriċi mart l-attur l-ieħor irrendiet lill-ommha Rita Formosa, meta kienet ħajja, serviġi, assistenzi u prestazzjonijiet ta' kull xorta, u dan bl-isperanza ta' kumpens u / jew ħlas;

2. Tillikwida ammont, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*, li jirrapreżenta ħlas u / jew kumpens ta' dawn is-serviġi, assistenzi u prestazzjonijiet reżi mill-istess attriċi;

3 . Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma tenuti fil-Liġi *qua* eredi universali tal-mejta Rita Formosa jħallsu l-ammont hekk likwidat lill-attrici mart l-attur l-ieħor;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attriċi l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ippreżentata fit-28 ta' Settembru, 2000 li permezz tagħha eċċepew:

Preliminarjament il-preskrizzjoni kwinkwennali billi t-talbiet attriċi li jirrisalu għal żmien ta' aktar minn ħames snin qabel in-notifika taċ-ċitazzjoni.

Subordinatament u fil-meritu, mhu dovut ebda kumpens lill-attriċi għaliex għaż-żmien li mhux kolpit mill-preskrizzjoni id-*decujus* kienet rikoverata l-isptar u jekk l-attriċi rrendiet xi assistenzi lid-*decujus* dawn kienu adegwatament kompensati.

F'kull każ l-eċċepjenti da parti tagħhom partikolarment l-eċċepjent Carmelo Formosa pprestaw serviġi lill-mejta u għalhekk l-attriċi in kwantu eredi, hija hi debitriċi lejn l-eċċepjenti għal dawn is-serviġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota preżentata mill-konvenuti fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2009 li permezz tagħha huma ċċaraw illi l-preskrizzjoni minnhom eċċepita kienet dik kontemplata fl-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

Rat il-verbali tas-seduti illi saru quddiem l-assistent ġudizzjarju;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jirreklamaw il-ħlas għal serviġi illi l-attriċi irrendiet lil ommha li tagħha hija u l-konvenuti huma ko-eredi.

Illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti hija dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali. Huwa infatti paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana illi talba għall-ħlas ta’ serviġi teddekadi bil-preskrizzjoni kwinkennali kontemplata fl-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jiddispondi li l-azzjonijiet għall-ħlas ta’ kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeg oħra meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku – jaqgħu bi preskrizzjoni ta’ ħames snin. (**“George Sciberras et vs Josephine Spiteri et”** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ April 2005). Dan japplika wkoll fil-każ fejn is-serviġi *resi* jkunu kostanti u kontinwi għaliex dan il-fatt ma jimpedixxix lill-preskrizzjoni biex tibda tiddekorri (**“Agostino Pace et vs Antonio Agius et”** – Prim’ Awla 17 ta’ Jannar 1955). Fil-każ in eżami omm il-partijiet mietet fit-30 ta’ April 2000 u l-kawża ġiet notifikata lill-konvenuti f’Settembru tal-istess sena. Għalhekk il-Qorti tista’ tieħu in konsiderazzjoni dawk is-serviġi li setgħu ġew *resi* mill-attriċi lill-mejta minn Settembru tas-sena 1995 sat-30 ta’ April 2000 u allura perjodu ta’ erba’ snin u seba’ xhur għaliex dawk li setgħu ġew *resi* qabel dik id-data huma preskritti. Ma jirriżultax mill-provi illi din il-preskrizzjoni setgħet ġiet interrotta jew sospiża.

Illi l-importanza ta’ dan il-punt f’din il-kawża joħroġ mill-fatt li l-mejta għall-aħħar ċirka tlett snin ta’ ħajjitha kienet rikoverata fid-dar tax-xjuħ u l-isptar. Naturalment dan ma jfissirx li f’dak il-perjodu ma jistgħux jiġu *resi* serviġi iżda huwa ċar li s-serviġi jkunu aktar kostanti u ta’ riljev meta

jsir ma’ persuna li tkun tgħix id-dar jew addirittura mal-persuna li tkun qed tirreklama s-serviġi.

Illi huwa stabbilit li din l-azzjoni tistrieħ fuq żewġ sisien; jiġifieri l-kważi kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta’ dak li jagħmel. Minbarra hekk ilu żmien twil aċċettat illi l-ħlas tas-serviġi jista’ jkun dovut mhux biss *jure actionis* jiġifieri meta huwa miftiehem iżda wkoll *officio judicis* jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta’ dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu jew kien imwiegħed ħlas għalih. (**“Guzeppi Borg vs Emanuel Azzopardi”** – Prim’ Awla 19 ta’ Mejju 2005).

Illi l-attriċi jidher li kienet tieħu l-iktar kura ta’ ommha minn fost il-kontendenti ċertament meta din kienet għadha tgħix f’darha l-Ħamrun. Billi hija kienet l-iktar waħda li tgħix viċin ta’ ommha l-attriċi kienet tieħu ħsieb li ommha kemm jista’ jkun ma jkun jonqosha xejn. Hija xehdet (fol 32) li ommha għaddiet l-aħħar tlett snin ta’ ħajjitha f’St Vincent de Paule u aktar qabel għamlet sena f’dar tax-xjuħ il-Gżira. Meta kienet f’darha l-Ħamrun kienet tmur tgħinha kuljum, issajrilha u taħslilha ħwejjiġha.  Ommha kienet anke torqod għandha għall-wens wara li miet żewġha (missier il-partijiet) fl-1989.  Apparti minn hekk ommha kienet tmur għandha spiss meta kienet għadha tiflaħ toħroġ.  Kultant kienet tagħtiha xi żewġ liri biex tixtrilha xi affarijet għaliex skond hi, anke flus ġie li ħarġet minn butha.  Kienet anke ġġibilha l-pilloli mill-isptar. Meta kienet il-Gżira ma kienx hemm servizz ta’ *nursing* u għalhekk kienet tiehu ħsiebha hi f’dan l-aspett (per eżempju ħasil); hawnhekk ommha bdiet tagħtiha Lm10 fix-xahar iżda tgħid li dawn lanqas ma kienu jservuha għall-bżonnijiet li kienet tixtrilha. Qalet li l-konvenuta Annie Sultana kienet ukoll tmur taraha lil ommha u ġie li kienet toħroġha tippassiġġa għax-xemx. Aktar ’il quddiem (fol 48) qalet li meta kienet San Vinċenz kienet tmur tara lil ommha darba iva u darba le, anke s-Sibtijiet u Ħdud, u kienet tippretendi li se tħallilha xi ħaġa. Tal-ikel li kienet toħdilha qatt ma tħallset. Rose Spiteri, ġara tal-attriċi kkonfermat illi omm l-istess attriċi kienet toqgħod għandha għal xi żmien (fol 56) u kienet tgħidilha li imn’alla kienet l-attriċi għaliha. Taf li l-attriċi kienet tmur

tara lil ommha f'San Vinċenz kważi kuljum. Meta kienet id-dar kienet toqgħod warajhom. Ġiet imtella' tixhed rappreżentanta tal-H.S.B.C. Bank li xehdet dwar żbanki li saru mill-konvenut bħala prokuratur ta' ommu. Patri Leo Ciantar li għamel xi żmien fil-Kunvent tal-patrijiet Franġiskani fl-istess triq fejn kienet toqgħod Rita Formosa qal li jiftakar lill-attriċi tagħmel faċendi lil ommha. Ulied l-attriċi spjegaw il-mod kif l-attriċi kienet tieħu ħsieb ommha. Bejn wieħed u ieħor ikkonfermaw id-depożizzjoni tal-attriċi.

Illi t-tabib kuranti tal-mejta Dr Patrick Mahoney (fol 21) ikkonferma li kien iżurha fuq talba tal-attriċi u meta kien ikun hemm bżonnu bħala tabib kien isib lill-attriċi ħdejn ommha anke fid-drabi li mar fid-dar tax-xjuħ. Suor Maria Dolores Galea xehdet illi kemm damet fid-dar tax-xjuħ Rita Formosa kienu jżurha t-tlett uliedha, iżda l-attriċi kienet toħdilha l-ikel u ddum ħafna ħdejn ommha. Naturalment pero' l-ħasil u affarijiet simili kien isir mill-impjegati tal-istituzzjoni. Kontro-eżaminata, qalet li anke l-konvenuti kienu joħdulha l-ikel iżda l-attriċi kienet tieħu ferm aktar spiss.

Illi l-konvenuti esebew affidavits tagħhom stess u ta' Lorenza Formosa, Tania Camilleri u Louis Attard (fol 96). Skond il-konvenuta Annie Sultana, ommhom kienet tieħu ħsieb missierhom sa ma miet fl-1989. Wara billi ġiet waħedha bdiet tibża' f'dak l-istat iżda għalkemm marret torqod għand l-attriċi, ġie li kienet tmur għandha skond hi biex teħles ftit mill-istess attriċi. Sal-1996 meta daħlet f'dar tax-xjuħ kienet għadha tagħmel il-bżonnijiet tagħha hija stess. Sakemm kienet fid-dar tax-xjuħ il-Gżira ommhom kienet għadha tieħu ħsieb tajjeb tagħha innifisha għalkemm kienu jiftehmu bejn l-aħwa dwar il-bżonnijiet tagħha u jaqsmu d-doveri. Eventwalment daħlet fl-isptar San Vinċenz għaliex bdiet taqa' spiss. Hi u l-konvenut kienu vverifikaw mal-bank li l-attriċi li dak iż-żmien kellha prokura ta' ommha kienet tiżbanka regolarment; qalu b'dan lil ommhom li rrabjat ħafna u qaltilhom li l-attriċi kienet ħadet biżżejjed. Allura neħħiet il-prokura u għaddietha fuq il-konvenut. Sakemm mietet baqgħu jieħdu t-turn dwar min joħdilha l-ikel u jmur iżurha.

Illi Carmel Formosa, il-konvenut, qal li meta miet missierhom, l-attriċi kienet l-unika waħda li kellha spazju biex setgħet traqqad lil ommhom magħha. Qal li sakemm din inġabret f'dar tax-xjuħ kienet għadha tieħu ħsieb l-affarijiet kollha tagħha u kienet biss tibża' torqod waħedha. Kien infatti meta hija kienet f'din id-dar il-Gżira li bdiet tmur lura. Hawnhekk inqala' l-inċident tal-prokura ġia' msemmi. Jgħid li f'dan il-perjodu l-attriċi u l-konvenuti kisruha iżda xorta baqgħu jaqsmu d-doveri lejn ommhom. Lorenza Formosa, martu, u Tania Camilleri, bintu, ikkonfermaw dak li xehed il-konvenut.

Illi minn dan kollu wieħed jista' jieħu idea ta' x'ġara li ta lok għall-kawża. Sakemm il-mejta Rita Formosa kienet għadha tgħix f'darha ma żewġha ma kienx hemm problemi; meta dan miet bdiet torqod għand l-attriċi għaliex bdiet tibża' torqod weħedha. Barra dan naturalment bdiet tikber u l-problemi bdew jiżdiedu u kellha bżonn l-għajnuna. Ma hemmx dubju li sakemm inġabret f'Home għax-xjuħ kienet l-attriċi li kienet tieħu ħsieb il-problemi ta' ommha, b'għajnuna mill-konvenuta. Jidher ċar li l-konvenut f'dak l-istadju ftit kien jidħol fl-istorja. Meta ommhom daħlet fid-dar tax-xjuħ tal-Gzira, l-attriċi baqgħet tagħmel l-iktar ma' ommha dejjem bl-għajnuna tal-konvenuta (anke kif ammettiet l-istess attriċi). Fl-aħħar tlett snin tal-ħajja ta' Rita Formosa, li għaddiethom f'San Vinċenz, il-bżonn tal-għajnuna naqas drastikament iżda jidher li kien hemm ftehim li l-partijiet imorru jaraw lil ommhom b'mod li kuljum ikun hemm xi ħadd minnhom ħdejha. Ċertament li l-attriċi u l-konvenuta għamlu li setgħu; il-konvenut għamel l-inqas f'dan l-aspett għalkemm kien il-prokuratur ta' ommu.

Illi s-sentenza fuq imsemmija **"Sciberras vs Spiteri"** fiha bran li nċidentalment kien miktub mill-Imhallef sedenti bħala perit legali fl-istess kawża, li huwa rilevanti għal din il-kawża; … *"għalkemm huwa veru li hemm dmir tal-ulied li jieħdu ħsieb il-ġenituri tagħhom fl-istess waqt fid-dinja tal-lum hu naturali li wieħed jikkonkludi li anke f'serviġi reżi mill-ulied, il-preżunzjoni hija li l-istess ulied ikunu qed jagħmlu dawn is-serviġi verament b'sens ta' dover, iżda fl-*

*istess waqt ikunu qed jippretendu li dan is-sens ta' dover jiġi premjat. Meta imbagħad, kif ġara f'dan il-każ, mal-mewt tal-ġenitur jiskopru li ma ħallihomx preferuti, iħossuhom li gew privati minn xi ħaġa u għalhekk huwa sew li jingħatalhom il-kumpens."*

Illi f'din il-kawża ġara hekk; l-attriċi għal perjodu sostanzjali kienet l-iktar waħda li kienet iddur ma' ommha. Dan sakemm kienet rikoverata fl-isptar fejn għalkemm baqgħet xorta tieħu ħsiebha f'sens ieħor l-ammont ta' serviġi neċessarjament naqas sew. Meta skopriet li ta' dak li kienet għamlet qabel a ġietx premjata mill-ewwel ipproċediet b'din il-kawża. Kif ġia' ingħad, kontrarjament għall-ġurisprudenza preċedenti li kienet tikkunsidra serviġi reżi mill-ulied bħala prestati gratwitament, fl-aħħar deċenni l-Qrati kkristallizzaw is-sitwazzjoni, fis-sens illi anke fir-rigward tal-parenti ġie applikat il-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwita', *sija pura* minħabba relazzjonijiet ta' parentela (**"Deidun et vs Poggi et"** – Vol XXXVIII -ii- paġna 568, deċiża fl-1954 – ċitata f' **"Sciberras vs Spiteri"** *supra*). Fuq dan il-punt il-ġurisprudenza hija sostanzjali u kostanti.

Illi fil-każ in eżami kif ġia' msemmi l-Qorti ma tiddubitax li l-attriċi kienet tirrendi serviġi bl-iskop li tiġi kumpensata. Peress pero' li kif ukoll ġia' ssemma, hija tista' biss tirreklama għal serviġi reżi għall-perjodu indikat, l-ammont li għandu jitħallas għandu jkun limitat peress li l-prestazzjojnijiet l-iktar rilevanti tagħha saru għal dik is-sena ċirka qabel ma l-mejta ġiet rikoverata f'istituzzjoni.

Illi dwar il-kumpens kif qalet din il-Qorti diversament preseduta per Onor. Imħallef Tonio Mallia, fl-ismijiet **"Catania vs Agius"** – 11 ta' Diċembru 2003, wieħed jista' jsib illi l-kumpens akkordat qatt ma jkun f'ammonti kbar, u dan peress li s-servizzi jingħataw kważi dejjem minħabba raġunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke għaliex it-talba għall-ħlas ta' serviġi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Delicata vs Saliba" –** deċiża fit-22 ta' Mejju 1989, hija ibbazata fuq kważi kuntratt u mhux fuq kuntratt

..., u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-serviġi iżda għandhon jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi oħra li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-serviġi reżi u l-ħlas relattiv.

Illi rigward l-eċċezzjoni tal-konvenut li huwa ukoll irrenda serviġi lil ommu allura l-attriċi hija debitriċi tiegħu, din hija għal kollox infondata, sija fattwalment (il-Qorti tħoss li huwa kien l-inqas wieħed minn ħutu li rrenda dawn is-serviġi), u anke legalment għaliex anke kieku hu rrenda serviġi biex ikun hemm tpaċija ż-żewġ krediti jridu jkunu likwidi (artikolu 1197 tal-Kap. 16) – ħaġa li palesament ma humiex f'dan il-każ. Ma jirriżultax lanqas li l-attriċi kienet titħallas *ut sic* għas-serviġi iżda kultant il-mejta kienet tgħaddilha xi ħaġa żgħira tal-flus, l-iktar biex tkun tista' tixtrilha.

Illi l-Qorti jidrilha li tenut kont tal-perjodu ta' ċirka sena fejn is-serviġi kienu ta' ċerta rilevanza, u l-erba' snin l-oħra fejn is-serviġi għalkemm baqgħu jiġu reżi kienu ċertament ta' ammont inferjuri għal dawk preċedenti, għandha tillikwida *arbitrio boni viri* l-kumpens dovut lill-attriċi għas-somma ta' tmien mitt Euro (€800). Hawn il-Qorti, apparti konsiderazzjonijiet oħra, ħadet in konsiderazzjoni l-assi tal-mejta li ma kienux jammontaw għal wisq.

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti (ħlief dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali), u tilqa' t-talbiet kollha attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' tmien mitt Ewro (€800) bħala likwidazzjoni tal-kumpens mitlub; l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti ndaqs bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------